Qorti tal-Appell
(Kompetenza Inferjuri)

Imhallef Anthony Ellul

Appell 390/2009AE

**L-Awtorita ta' Malta dwar l-Ambjent u l-Ippjanar**

**Vs**

**Lara Said**

L-Erbgha, 2 ta' Dicembru 2015.

Permezz ta' avviz prezentat fis-16 ta' Ottubru 2009 l-attrici talbet il-hlas ta' €10,281.85 minghand il-konvenuta ghal servizz li tatha skond *invoice* datat 27 ta' Frar 2002.

Il-konvenuta wiegbet li l-ebda hlas ma kien dovut. Fit-23 ta' Mejju 2011 il-konvenuta ipprezentat eccezzjoni ulterjuri li tghid (fol. 70):-

*"Il-preskrizzjoni ta' hames snin a tenur tal-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta".*

B'sentenza tal-15 ta' Mejju 2012 il-Qorti tal-Magistrati (Malta) laqghet l-eccezzjoni ulterjuri u ddikjarat l-azzjoni preskritta *ai termini* tal-Artikolu 2156(f) tal-Kodici Civili.

L-attrici appellat mis-sentenza.

Mill-atti jirrizulta li:-

i. Il-konvenuta kienet impjegata mal-attrici.
ii. Fil-21 ta' Dicembru 1998 il-kontendenti ffirmaw kuntratt li bih il-konvenuta nghatat *scholarship* sabiex tkompli tistudja u li kellu jwassal ghal MA/Postgraduate Diploma fit-Town and Country Planning.
iii. Fl-1 ta' Frar 2002 il-konvenuta rrizenjat mix-xoghol. Inoltre ma komplietx bl-istudju.
iv. L-attrici tippretendi rifuzjoni tal-ispejjez li ghamlet in konnessjoni mal-imsemmi ftehim.

L-aggravji tal-attrici huma:-

1. Il-perjodu ta' preskrizzjoni ta' hames snin kellu jibda jiddekorri minn dakinhar li l-konvenuta ma kinitx f'posizzjoni li twettaq l-obbligu li ntrabtet ghalih fil-ftehim li ffirmat. Skond il-ftehim il-konvenuta kellha

tlesti l-istudji fi zmien sitt snin minn Jannar 1999. Ghaldaqstant, l-attrici setghet titlob ir-rifuzjoni tal-ispejjez hekk kif ghaddew is-sitt snin.

2. L-ewwel qorti kienet zbaljata meta kkonkludiet li l-konvenuta kienet abbandunat il-kors in kwantu qatt ma qalet hekk. L-ewwel qorti naqset milli tikkunsidra 'l fatt illi ladarba l-konvenuta kienet baqghet fis-servizz pubbliku, ghaliex marret tahdem fl-Universita ta' Malta, allura kienet ghadha tezisti l-possibilta' li terga' tmur tahdem mal-attrici fl-impjieg li kellha u tissokta bl-istudji taghha matul il-perjodu ta' sitt snin.

Il-konvenuta wiegbet li:-

1. Klawzola 6 tal-kuntratt kienet tikkontempla tlett xenarji differenti. Jekk issehh wahda minnhom tinholoq l-obbligazzjoni favur l-attrici. Ladarba l-konvenuta abbandunat l-istudji, giet fis-sehh wahda mill-ipotezijiet kontemplata fil-ftehim. Ghalhekk f'dak l-istadju l-attrici setghet tipprocedi biex tirkupra l-ispejjez.

2. L-abbandun tal-kors ta' studju kellha l-effett kontemplat fi klawzola 6 tal-kuntratt. L-argument tal-attrici li l-konvenuta setghet tmur lura fl-impieg hu rrilevanti ghaliex it-terminazzjoni tal-impjieg ma jikkontribwixxi xejn ghad-determinazzjoni tal-effetti guridici tal-ftehim in kwistjoni. 'Il fatt determinanti kien l-abbandun tal-istudji.

Ghal finijiet tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni rilevanti hi klawzola 6 tal-iskrittura privata tal-21 ta' Dicembru 1998:-

*"6. You will undertake to complete your studies within a maximum of six (6) years from the date of commencement of studies (January 1999), unless other exceptional and unforeseen serious circumstances preclude you from doing so. Should you fail to complete such studies within this time frame or* ***should you abandon****, or fail to complete, your studies for any reason, which in the Planning Authority's opinion is not justifiable, you will be bound to refund the Planning Authority* ***for all expenses made by the Authority****"*.

L-appellata ma baqghetx impjegata mal-Awtorita u ma komplietx bl-istudji taghha. Fis-seduta tal-15 ta' Novembru 2010 xehedet:

*"... nghid li bhala fatt* ***il-kors kont waqqaftu qabel il-kompletazzjoni tieghu*** *ghar-raguni illi fl-2001 jiena ma bqajtx nahdem izjed mal-Awtorita' attrici u mort nahdem x'imkien iehor"* (fol. 62).

F'dan ir-rigward l-attrici kienet zbaljata meta fit-tieni aggravju qalet li l-konvenuta qatt ma qalet li abbandunat il-kors.

L-appellata nghatat l-opportunita li tkompli tistudja ghas-spejjez tal-attrici bil-ghan li jkollha iktar kwalifiki li jkunu ta' ghodda fil-qadi ta' dmirijietha fl-

impjieg li kellha mal-attrici. F'dan ir-rigward rilevanti hi klawzola 2 tal-iskrittura:-

*"The scholarship is being awarded in view of your current and possible envisaged future responsibilities"* (fol. 43).

Skond l-Artikolu 2137 tal-Kodici Civili il-preskrizzjoni ta' azzjoni *"... tibda* ***minn dakinhar li din l-azzjoni tista' tigi ezercitata****; minghajr ma jittiehed qies tal-istat jew tal-kondizzjoni tal-persuna li lilha din l-azzjoni tmiss".* Ladarba l-appellata abbandunat l-istudji twieled il-jedd ta' azzjoni tal-appellanti sabiex titlob ir-rifuzjoni tal-ispejjez li kienet ghamlet sa dakinhar. Klawzola numru 6 ma taghmel l-ebda distinzjoni bejn jekk il-konvenuta tibqax impjegata mal-attrici jew le. Ir-riferenza ghal dik il-parti tal-klawzola 6 li taqra: *"You will undertake to complete your studies within a maximum of six (6) years from the date of commencement of studies (January 1999).....",* hi ghal kollox irrilevanti ghal finijiet tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni gialadarba l-azzjoni ghar-rifuzjoni setghet tigi ezercitata minn meta l-appellata rrizenjat mix-xoghol (l-1 ta' Frar 2002). L-attrici tant kienet taf li mal-abbandun tal-istudji kellha jedd li titlob minghand il-konvenuta r-rifuzjoni tal-ispejjez fit-termini tal-kuntratt tal-21 ta' Dicembru 1998, li fis-7 ta' Marzu 2002 baghtet ittra lill-konvenuta (fol. 45-46) fejn interpellata thallas l-ispejjez. Sa dak iz-zmien kienu ghadhom m'ghaddewx is-sitt snin li maghhom l-attrici qeghda tiggranfa sabiex tipprova teghleb l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni.

Fir-rigward tal-argument tal-attrici li peress li l-konvenuta baqghet impjegata fis-servizz pubbliku setghet tirritorna lura tahdem mal-attrici u ghalhekk kien ikollha l-obbligu li tlesti l-istudji fit-terminu kontemplat fil-ftehim, il-qorti tosserva:-

i. Dan l-argument hu bazat fuq kongettura;
ii. Jirrizulta li effettivament il-konvenuta rrizenjat mill-impjieg.
iii. Ghalkemm il-konvenuta qalet: *"Jiena nghid li m'ghandi naghti xejn lill-Awtorita* ***ghaliex jiena bqajt fis-servizz pubbliku****, mill-MEPA mxejt ghall-Universita"* (fol. 63), dawn huma zewg entitajiet separati u distinti minn xulxin. Dan ma kienx kaz fejn impjegat fis-servizz pubbliku gie trasferit jew *seconded* minn Dipartiment tal-Gvern ghal iehor, izda kaz ta' rizenja minn impjieg. Mar-rizenja l-konvenuta ma kellha l-ebda rabta ohra mal-attrici. Hu ovvju li biex terga' tmur tahdem mal-attrici kellha terga' tapplika ghall-impjieg u tintghazel.
iv. X'setghet ghamlet il-konvenuta fil-futur wara li rrizenzjat mill-impjieg li kellha mal-attrici hu ghal kollox irrilevanti ghal finijiet tal-eccezzjoni tal-preskrizzjoni. Ladarba l-konvenuta abbandunat l-istudju li kellu jwassal ghal MA/Postgraduate Diploma in Town and Country Planning, giet fis-sehh l-obbligazzjoni *".... to refund the Planning Authority for all expenses made by the Authority"* (klawzola 6). Il-ftehim hu car u m'hemmx bzonn ta' interpretazzjoni.

Kif tajjeb osservat l-ewwel qorti, l-ewwel darba li l-appellata giet notifikata b'att gudizzjarju kien fis-17 ta' Ottubru 2007. L-att gudizzjarju kienet ittra ufficjali *ai termini* tal-Artikolu 166A tal-Kap. 12 datata 10 ta' Ottubru 2007. Ittra ufficjali li ma nterrompitx il-preskrizzjoni peress li fid-data li giet prezentata kienu diga' ghaddew il-hames snin. Ghalhekk kellha ragun l-ewwel qorti meta kkonkludiet:-

*"Dan kollu jfisser illi l-azzjoni attrici, istitwita fis-16 ta' Ottubru 2009, giet ipprezentata wara li ghalaq it-terminu preskrittiv ta' hames snin ai termini ta' l-Artikolu 2156(f) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u sakemm ma tirrizultax xi rinunzja da parte tal-konvenuta l-azzjoni ta' l-Awtorita attrici fil-konfront taghha hija preskritta ai termini ta' dak l-artikolu tal-Ligi".*

**Ghal dawn il-motivi l-qorti tichad l-appell bl-ispejjez kontra l-attrici appellanti**.

Anthony Ellul.